# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 20**

**Rikors numru 44/15JVC**

**John Pace**

**v.**

**Joseph u Rita konjugi Attard**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur John Pace mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-10 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti biex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet miċħuda t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjeż tal-eċċezzjoni kontrihom, u tħassar, tannulla u tirrevoka s-

sentenza għall-bqija, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:

"1. Illi l-attur huwa proprjetarju tat-territorju art Ta' Bullara fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta' cirka 82,808.7 metri kwadri li jmiss mill-Grigal mal-proprjeta' tal-Gvern u in parti mal-wied, mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Michel Angelo Attard u ohrajn u min-Nofsinhar ma' Triq Bullara liema proprjeta' giet minnu akkwistata b'kuntratt ta' divizjoni tal-15 ta' Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A.

"2. Illi din il-proprjeta' hija mqabbla lil diversi gabbillotti fosthom l-intimat li jahdem cirka ghaxart itmiem raba mill-art Ta' Bullara limiti tax-Xaghra skont ricevuta hawn annessa u mmarkata bhala dokument B.

"3. Illi dan ir-raba ghandu passagg li jghaddi biswit l-ghalqa mqabbla lill-intimati liema passagg jaqsam it-territorju kollu li minnu l-gabbillotti l-ohra li jahdmu bcejjec ohra tar-raba in kwistjoni ossija Andrew Sciberras, Emanuel Portelli, Mose Xerri, Giljan Agius, Anthony Micallef, Anthony Bajada, Maurizio Sultana, Emanuel Vella, Joseph Cutajar u Maria Giovanna Sultana jghaddu bil-karozzi taghhom u qabel bil-karrettuni taghhom biex ikunu jistghu jaccedu l-ghelieqi lilhom imqabbla mir-rikorrenti.

"4. Illi l-passagg in kwistjoni maghruf bhala d-Dahla tal-Bullara u/jew Sqaq Bullara huwa proprjeta' u fil-pussess tar-rikorrenti u minnu jghaddu hu u l-gabbillotti kollha li jahdmu r-raba' kollha tal-istess rikorrenti.

"5. Illi r-rikorrenti jghaddi mit-territorju in kwistjoni maghruf bhala Sqaq Bullara u li minnu sa ftit gimghat ilu seta' jghaddi bil-karozza ghal fuq it-territorju in kwistjoni kif kienu jaghmlu l-gabillotti li jahdmu r-raba tieghu.

“6. Illi fil-bidu ta’ Gunju 2015 l-intimati li jahdmu r-raba tieghu b’access mill-isqaq in kwistjoni minn triq li taghti ghad-Dahla tal-Bullara limiti tax-Xaghra ghamlu xatba biex b’hekk waqfu l-access lir-rikorrenti u lill-gabbillotti li jahdmu r-raba tieghu fid-dintorni milli jaccedu ghall-art tieghu mqabbla lilhom.

“7. Illi fil-bidu ta’ Gunju 2015 l-intimati u/jew nies minnhom imqabbda, b’mod abbusiv, klandestinament u bi vjolenza, qabbdu u ghamlu xatba fuq parti mill-art tal-attur imqabbla lill-intimati minn fejn ir-rikorrenti u l-gabbillotti tieghu kienu jaccedu ghad-Dahla ta’ Bullara bil-karozza u dan kif dejjem kien isir qabel bil-karrettun u issa bil-karozza ghat-territorju kollu in kwistjoni.

“8. Illi dan l-agir ta’ l-intimati u/jew ta’ nies minnhom imqabbda bil-kostruzzjoni tax-xatba fuq imsemmija qed twaqqaf l-access bil-karozza ghad-Dahla tal-Bullara jew Sqaq Bullara u jikkostitwixxi spoll klandestin, vjolenti u recenti u dan ai termini ta’ l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“9. Illi l-intimati b’ittra tas-17 ta’ Gunju 2015 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument C, gew interpellati biex jirripristinaw id-Dahla tal-Bullara u/jew Sqaq Bullara ossija t-territorju Tal-Bullara limiti tax-Xaghra, Ghawdex fl-istat li kien qabel ma kkommettew dan l-ispoll ossija billi titnehha l-istess xatba biex b’hekk ikun hemm passagg liberu bil-karozza tul id-Dahla tal-Bullara ghall-uzu tar-rikorrenti u tal-gabbillotti li jahdmu l-istess raba, pero’ minkejja dan, huma baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

“(a) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati kkommettew spoll recenti u vjolenti u klandestin ai termini ta’ l-Artikolu 535 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta qabbdu u ghamlu xatba fid-Dahla tal-Bullara, Xaghra, Ghawdex billi b’hekk waqqfu l-access bil-karozza lir-rikorrenti u lill-gabbillotti li jahdmu l-istess raba’ tieghu mit-territorju tal-Bullara tal-kejl ta’ cirka 82,808.7 metri kwadri li jmiss mill-Grigal mal-proprjeta’ tal-Gvern u in parti mal-wied, Xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Michel Angelo Attard u ohrajn u min-Nofsinhar ma’ Triq Bullara liema proprjeta’ giet minnu akkwistata b’kuntratt ta’ divizjoni tal-15 ta’ Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

“(b) Konsegwentement tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat minn din il-Qorti tispurga dan l-ispoll u tirreintegra lir-rikorrenti fil-pussess li kellu qabel ma gie kommess dan l-ispoll b’dan illi titnehha x-xatba fid-Dahla tal-Bullara, limiti tax-Xaghra, Ghawdex fuq parti mit-territorju Tal-Bullara fuq imsemmi biex b’hekk ikun jista’ jaccedi hu u l-gabbillotti li jahdmu bcejjec raba’ mill-istess territorju liberament bil-karozzi u/jew ingenji taghhom.

“(c) Fin-nuqqas tordna r-reintegrazzjoni fil-pussess tar-rikorrenti, bl-opera ta’ periti nominandi ghal dan l-iskop billi titnehha x-xatba in kwistjoni fid-Dahla tal-Bullara u/jew Sqaq Bullara li qed tirristringi l-access bil-karozza tul id-Dahla tal-Bullara u/jew Sqaq Bullara ghalih u ghall-gabbillotti li jahdmu r-raba fit-territorju Tal-Bullara, proprjeta’ tar-rikorrenti fi zmien li jigi prefiss minn din il-Qorti, kollox a spejjez ta’ l-intimati.

“(d) Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri legali tas-17 ta’ Gunju 2015 kontra l-intimati minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati, inkluza kawza ghad-danni kif ukoll ghall-izgumbrament mill-ghalqa in kwistjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti illi eccepew:

“1. Illi l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma totalment frivoli u vessatorji u totalment infundati fid-dritt u fil-fatt;

“2. Illi hekk kif ser jirrizulta matul is-smiegh tal-kawza, l-attur ma ghandux ir-rekwiziti essenzjali fil-ligi sabiex tissussisti l-kawza ta’ spoll.

“3. Illi di fatti, l-attur ma jaghmilx uzu mill-imsemmija moghdija u dana anke kif jirrizulta fic-car mill-kawzali tar-rikors guramentat tieghu fejn jinghad bl-iktar mod car illi huwa residenti Malta, l-art kollha *de quo* hija mqabbla lil terzi u huma xi bdiewa ohrajn li allegatament ghamlu uzu minn tali moghdija. B’hekk jirrizulta li l-attur bl-ebda mod u manjiera ma ghandu l-pussess li huwa rikjest mil-ligi sabiex tirnexxi l-kawza ta’ spoll;

“4. Illi in oltre, jirrizulta ukoll illi l-konvenuti ma ghamlu ebda xatba hekk kif allegat fil-kawzali tal-attur. Il-konvenuti, fil-bidu ta’ Mejju, 2015, sempliciment irripristinaw il-moghdija msemmija ghall-wisgha originali taghha hekk kif ser jirrizulta matul is-smiegh tal-kawza. Illi stante illi ghalhekk il-kawza odjerna giet ipprezentata wara d-dekors ta’ xahrejn minn meta sehh il-fatt, lanqas dana r-rekwizit ghall-kawza ta’ spoll ma jirrizulta li ser ikun sodisfatt;

“5. Illi fil-mertu, u dana minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti bl-ebda mod jew manjiera qatt ma zammew lill-attur sabiex jaghmel uzu mill-imsemmija moghdija la fil-wisgha originali taghha u lanqas hekk kif imwessa’ mill-konvenuti. Jirrizulta ghalhekk illi l-attur lanqas ghandu l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola l-kawza odjerna;

“6. Illi in oltre, u dana dejjem minghajr pregudizzju, jirrizulta illi l-moghdija li kienet tezisti kienet dejjem wahda bir-rigel u dana kuntrarjament ghal dak li qed jallega l-attur fejn skorrettement jghid li l-bdiewa kienu jitilghu minn tali moghdija bil-karrettun!

“7. Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju, bhala stat ta’ fatt jirrizulta illi l-konvenuti minn dejjem hallew lil uhud mill-bdiewa imsemmija sabiex, wara li jitolbuhom permess, jaghmlu uzu mir-rampa li l-konvenuti a spejjez interament taghhom iffurmaw sabiex ikunu jistghu jaccedu b’mod iktar komdu fir-raba taghhom.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

“Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u provi kollha fl-atti;

“Wettqet access fuq is-sit nhar is-7 ta’ Marzu, 2018;

“Rat li fil-verbal tas-7 ta’ Marzu, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta’ li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f’termini mposti fuqhom;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Rat l-atti kollha.

“**Ikkunsidrat**

“Illi din hija kawza ta’ spoll fejn l-attur John Pace huwa s-sid ta’ territorju mdaqqas maghruf bhala ta’ Bullara li jikkonsisti f’eghlieqi fil-wied bejn ix-Xaghra u Marsalforn u qed jallega li l-konvenut Joseph Attard fil-bidu ta’ Gunju, 2015 wettaq spoll billi ghamel speci ta’ xatba f’rampa li minnha kienu jghaddu l-bdiewa li jikru minghand l-attur.

“Jirrizulta illi l-proprjeta’ in kwistjoni giet f’idejn l-attur John Pace permezz ta’ att ta’ divizjoni fis-sena 2008 (ara fol. 7 et seq) u dan mhux kontestat mill-konvenut Joseph Attard. Joseph Attard da parti tieghu apparti li huwa sid ukoll ta’ xi art li tmiss mal-proprjeta’ ta’ John, ghandu

wkoll imqabbel f'ismu (sa mis-sena 2012) art li tifforma parti mit-territorju tal-attur John Pace. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien jahdem din l-art anki qabel pero' ma kinitx imqabbla f'ismu izda f'isem Mikelina Bajada. Fil-fatt kif jirrizulta kemm mix-xhieda kif ukoll mill-access li wettqet il-Qorti fuq is-sit il-passagg imsemmi fil-kawza odjerna l-ewwel jghaddi minn fuq proprjeta' esklussivament ta' Joseph Attard imbaghad jinfed ghal fuq il-proprjeta' tal-attur fejn tinsab ir-rampa li fiha saret ix-xatba in kontestazzjoni.

"Jirrizulta illi f'Gunju 2015 l-attur John Pace gie nfurmat minn xi bdiewa li ghandhom ir-raba' bi qbiela minghandu li Joseph Attard kien ghamel speci ta' xatba (konsistenti f'hadid fuq kull naha u habel tal-azzar bejniethom bil-katnazz) li permezz taghha ghalaq l-access ghat-territorju tieghu fejn jinsabu l-eghlieqi mahduma minnhom. Jirrizulta mill-atti li dak li fil-fatt sar minn Joseph Attard u dan mhux kontestat minnu huwa li nghalaq l-access bil-vetturi jew bl-ingenji stante li hu qed jargumenta li originarjament id-dritt kien wiehed ta' passagg ghal certu bdiewa biss u dan hallih miftuh peress li l-azzar jimpedixxi biss l-access b'xi vetturi jew ingenji, fil-bqija wiehed ghadu sal-lum facilment jista' jghaddi bil-mixi.

"Mhux kontestat izda bejn il-partijiet li r-rampa in kwistjoni kienet ilha li twessghet oltre s-semplici passagg mill-anqas ghoxrin sena qabel il-kawza odjerna. Il-konvenut ukoll ma jikkontestax li bosta bdiewa li jikru minghand l-attur kienu jghaddu minnha izda jinsisti li lkoll kienu jistaqsuh ghall-awtorizzazzjoni tieghu qabel ma jghaddu. Il-konvenut isostni li dak li wasslu sabiex jaghlaq ir-rampa kien l-agir ta' certu Emanuel Vella li wkoll jokkupa raba' proprjeta' tal-attur fit-territorju ta' Bullara ghax heddu li ser jisparalu w'ghalhekk ghalaqlu l-access.

"Illi l-Qorti tirrileva li f'dawn il-proceduri l-partijiet, b'mod partikolari l-konvenut, ressaq eccezzjonijiet, provi u xhieda li finalment irrizultaw li kienu ntizi li jaghmlu prova dwar il-jeddijiet o meno ta' uhud mill-bdiewa sabiex jghaddu mill-passagg /rampa in kwistjoni, l-ezistenza ta' rampi ohra li juzaw l-istess bdiewa u wkoll prova dwar meta u kif saret ir-rampa in kwistjoni u rampi ohra, minn min jintuzaw ecc. Ai fini tal-kawza ta' spoll odjern dawn il-provi mhux rilevanti stante li r-rekwiziti tal-kawza ta' spoll huma delinjati b'mod car fil-ligi u ma jinoltrawx ruhhom f'jeddijiet o meno tal-partijiet izda biss fl-elementi tal-pussess jew mera detenzjoni, l-ispoll u li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn mill-ispoll.

"**Principji Legali:**

"Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

> "Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif

jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

"Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatus fuisse)*** u li dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

"L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

"Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

> "*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

"Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

"Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

> "*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

"Illi kif ukoll gie ritenut:

> "*Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk*

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'* (Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

"*All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..**'[2]

"Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

"Spoll vjolent u abbusiv:

"*jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata*'[4]

u

"*neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.*'[5]

"Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

"Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*"dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

"Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

"Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

> "*Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

"**Mertu**

"**Pussess:**

"Illi din il-kawza ta' spoll infethet unikament minn sid it-territorju John Pace u mhux mill-bdiewa li effettivament jahdmu r-raba in kwistjoni w'ghalhekk jaghmlu uzu mill-passagg kontestat. L-istess attur jammetti fix-xhieda tieghu li huwa ftit li xejn jersaq lejn dan it-territorju tant li fil-kontro-ezami tieghu jghid li l-aktar li jmur huwa tliet darbiet f'sena. Stante dan kollu, il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qajjem in-nuqqas tal-element ta' pussess da parti tal-attur sabiex din il-kawza ta' spoll tirnexxi. Il-konvenut jargumenta li la darba l-attur ma jaghmilx uzu hu stess mill-passagg izda huma l-bdiewa li juzawh allura l-attur ma jissodisfax ir-rekwizit ta' pussess jew detenzjoni kif trid il-ligi.

"Illi dwar l-eccezzjoni mqajjma mill-kovenuti, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-19 ta' Jannar, 2009 bin-numru 1468/2002 (JA) fl-ismijiet Mary Lanfranco noe vs. Fal-Con Limited et fejn fiha, dwar il-pussess, jinghad kif isegwi:

> "*Għandu jingħad li dan jikkontrasta mad-definizzjoni li tat il-Qorti ta' l-Appell fl-1967 fil-kawża li għal zmien twil kienet ikkunsidrata leading case dwar l-azzjoni in kwistjoni ossija l-kawża fl-ismjiet* ***"Vella vs Boldarini"*** *li kienet straħet fuq il-kliem "ta' liema xorta jkun". Hu x'inhu fil-każ odjern l- attur m' humiex inkwilini iżda s-sidien u allura żgur li dan l-insenjament ma japplikax għalihom. Se mai jista' jsir l-argument li bħala sidien ma kellhomx il-pussess għax normalment is-sid ma jkunx fil-pussess materjali tal-oggett mikri. Madankollu anke fl-istess sentenza* ***"Vella vs Boldarini"*** *l-attrici kienet irnexxiet fil-kawża tagħha bħala sid fil-konfront ta' l-istess inkwilini u dan għaliex il-fatt li s-sid ikun qed jircievi kera (jew il-qbiela f'dan il-każ) hija mingħajr dubbju ta' xejn* ***manifestazzjoni esterna ta' pussess (emfasi tal-Qorti odjerna).*** *Il possesso e' definito ... come un potere sulla cosa che si manifesta in un'attivita' corrispondente all'esercizio del diritto di propieta' o di un altro diritto reale –* ***Trabucchi – Istituzione di Diritto Civile pagna 455). Torrente (Manuale di Diritto Privato – 1985)*** *jgħid illi La detenzione – che e' la situazione possessoria base –*

*consiste nell'avere la disponibilta' di una cosa, ossia nell'avere la disponibilita' di utilizzarla tutte le volte che si voglia, senza bisogna di superare ostacoli seri u duraturi ... Għalhekk ma jibqa' ebda dubbju li l-atturi kienu pussessuri tal-propjeta' in kwistjoni fis-sens legali tal-pussess kif spjegat fil-Kodici Civili stess fl-artikoli 524 et sequitur.'*

"Illi ghalkemm l-argument imqajjem mill-konvenuti huwa wiehed intriganti u *prima facie* jista' jidher pjuttost ragunat, din il-Qorti taqbel mal-insenjamenti tal-Qorti hawn fuq ikkwotata. Mill-atti odjerni jirrizulta mhux kontestat li l-attur sar sid tat-territorju fis-sena 2008 u sa minn dak iz-zmien huwa beda jircievi l-hlas tal-qbiela minghand il-bdiewa koncernati. Ghal numru ta' snin dawn il-hlasiijet kien jigborhom il-gabillott Andrew Sciberras u jghaddi l-hlas lis-sid cioe' l-attur izda konsegwentement sa mis-sena 2012 din bdiet tithallas direttament mill-bdiewa lill-attur John Pace. Tista' tghid li x-xhieda kollha fl-atti jaqblu fuq dan il-punt anki l-konvenut. Jirrizulta in oltre li qabel saret ix-xatba, l-attur ukoll kellu access liberu ghat-territorju tieghu stess meta jiftillu jitla' izda malli saret din ix-xatba dan l-access gie anki limitat lilu stess li huwa s-sid. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-element tal-pussess tal-art u allura anki tal-passagg da parti tal-attur fl-azzjoni odjerna huwa prezenti fil-fatt li huwa kien jircievi regolarment il-hlas tal-qbiela tat-territorju in kwistjoni u ser tghaddi sabiex tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

"***Infa bimestre deduxisse***

"Illi l-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom isostnu li ma jissusistux l-elementi tal-kawza ta' spoll. Fost l-elementi tal-ispoll hemm l-element li l-ispoljat irid jagixxi fi zmien xahrejn mill-ispoll f'dan il-kaz minn meta r-rampa nghalqet bil-hadid u l-habel tal-azzar. Ai termini tal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata dan l-element ghandu jigi pruvat b'mod konklussiv mill-attur anki li kieku l-konvenut ma jqajjimx dan il-punt bhala eccezzjoni stante li huwa element essenzjali sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll kif dettat fil-ligi.

"Illi ghal dak li huma provi mressqa mill-attur John Pace dwar dan il-punt din il-Qorti tirrileva s-sewgenti:

"(i) Skont il-premessi fir-rikors guramentat, l-attur isostni li l-passagg gie maghluq mill-konvenut fil-bidu ta' Gunju, 2015.

"(ii) Mill-affidavit tal-attur a fol. 54 et seq. johrog li skont l-attur fis-7 ta' Gunju, 2015 kien cempillu Andrew Sciberras jghidlu bl-eghluq ta' dan il-passagg u huwa mar gimgha wara fil-post sabiex jara b'ghajnejh. Johrog ghalhekk li ma kienx l-attur li sab il-passagg maghluq izda dan qaluhulu terzi.

"(iii) Fl-ittra legali esebita a fol. 5 tal-process u li allegatament hija datata 17 ta' Gunju, 2015 (dan qed jinghad stante li ma gietx esebita kopja ffirmata u wisq anqas prova ta' meta ntbaghtet) indirizzata lill-konvenut ma jissemma' xejn dwar x'sar sabiex inghalaq il-passagg u wisq anqas tissemma' data meta dan sar.

"(iv) Da parti tieghu x-xhud Emanuel Vella fl-affidavit tieghu a fol. 56 et seq tal-process isostni li huwa kien sab 'il hekk imsejha xatba b'wire u zewg kanen fil-bidu ta' Gunju, 2015 u jghid li mill-ewwel mar jaghmel rapport l-ghassa tar-Rabat u nforma lis-sid John Pace. Ir-rapport tal-pulizija izda li gie esebit a fol. 62 tal-process minn PS 1407 Frank Portelli jikkontradixxi dak li xehed bil-gurament Emanuel Vella stante li minnu jirrizulta li Emanuel Vella mar l-ghassa tal-pulizija nhar id-19 ta' Gunju, 2015 u rraporta li saret ix-xatba fil-11 ta' Gunju, 2015.

"Minn dak suespost il-Qorti gia tinnota li apparti li Emanuel Vella huwa kontradett mir-rapport li sar minnu stess mal-pulizija, il-verzjoni tieghu kif moghtija lill-pulizija wkoll ma taqbilx ma' dik tal-attur li jsostni li huwa gie nfurmat mill-bdiewa fis-7 ta' Gunju. Apparti hekk anki fix-xhieda tieghu fl-atti kriminali (ara fol. 229 wara) Emanuel Vella jinstema' incert hafna dwar meta sab l-ewwel darba x-xatba u lanqas jaf meta ghamel ir-rapport mal-Pulizija.

"(v) Sabiex aktar jitqajmu dubji f'mohh din il-Qorti dwar dan il-punt, ix-xhud Andrew Sciberras li skont is-sid kien il-persuna li nfurmah b'dak li gara jghid li skont hu ix-xatba saret xi jumejn qabel is-7 ta' Gunju, 2015 dan izda mhux ghax ra lill-konvenut jaghmilha jew raha b'ghajnejh izda ghax qallu Emanuel Vella (ara fol. 58 et seq). Lanqas jixhed dwar meta kien hemm hu l-ahhar u ma kienx hemm ix-xatba biex forsi jitfa' dawl fuq il-perjodu meta setghet saret. In oltre, fil-kontro-ezami tieghu Andrew Sciberras a fol. 237 ibiddel il-verzjoni u jghid li qallu t-tifel ta' Emanuel Vella bix-xatba u mhux Emanuel Vella nnifsu. Din il-verzjoni terga' tikkontradixxi ma' dak li xehed l-istess Andrew Sciberras u dak li xehed Emanuel Vella.

"Illi da parti tieghu l-konvenut fuq dan il-punt ressaq bhala provi dak li jsegwi:

"(i) Il-verzjoni tal-istess konvenut fejn konsistentement kemm fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fix-xhieda u kontro-ezami tieghu (kif ukoll fix-xhieda tieghu fl-atti kriminali li kopja taghhom giet annessa bhala prova f'dawn l-atti) baqa' dejjem jinsisti li x-xatba saret fl-ewwel gimgha ta' Mejju, 2015:

> "*imbaghad mort nahsad fl-ewwel ta' Mejju u ghidtlu titlax lil Vella. U l-ghada tela' jahsad u zammejtu. . . . u ghall-ewwel granet ta' Mejju ma nafx meta kien, imma ghall-ewwel granet kien, jien ghamilt, ghamilt zewg pilastri bil-kanni u ghamilt wire, biex ma jitlax, biex min irid jitla' jghidli u nhallih jitla'. Kulhadd jitla', lil kulhadd inhalli, imma lil Vella ma' rridux jitla'. Ghax heddidni! Ha jghatini erba' (4) tiri go rasi u qed jghaddi u m'ghandux dritt jghaddi! Mhux sew.' (fol. 76)*

"Il-Qorti ma sabet l-ebda prova fl-atti li tista' tikkontradixxi l-verzjoni tal-attur li x-xatba in kwistjoni kienet ilha li saret mill-bidu ta' Mejju 2015. Jigi rilevat li x-xahrejn imposti mil-ligi ma jibdewx jiddekorru minn meta l-ispoljat jinduna bl-ispoll izda mid-data tal-ispoll effettiv.

"(ii) A fol. 253 et seq tal-process xehed in kontro-ezami Joe Camilleri fejn ikkonferma li sa fejn jaf hu x-xatba saret minn Joseph Attard fl-ewwel gimgha jew massimu fit-tieni gimgha ta' Mejju, 2015. Maghfus diversi drabi b'domandi da parti tal-avukat tal-attur jekk setax kellu zball u li din saret f'Gunju, 2015 huwa jinsisti li le u jzomm mal-verzjoni tieghu li saret fl-ewwel jew fit-tieni gimgha ta' Mejju, 2015. Jemfasizza li huwa cert ghaliex jghaddi minn hemm kuljum u jirrispondi:

> "taraha, bilfors taraha, ghax nghaddi minn hemm hekk ezatt.'

"Illi l-fatt li xhieda ohra (ezempju: Anthony Micallef a fol. 216 tal-process) jsemmu l-perjodu tas-Sajf b'referenza ghaz-zmien meta suppost saret din ix-xatba xejn ma jghin lil din il-Qorti sabiex b'xi mod issib korroborazzjoni ghall-verzjoni tal-attur stante li effettivament l-istagun tas-Sajf jibda fil-21 ta' Gunju filwaqt li l-attur jinsisti li din saret lejn is-7 ta' Gunju. Fil-fatt anki l-ittra nterpellatorja ggib data qabel il-bidu tal-istagun tas-Sajf.

"Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ssib ruhha konfrontata b'zewg verzjonijiet diversi dwar meta suppost saret ix-xatba odjerna. Tinnota izda li filwaqt li l-verzjoni tal-attur mihijiex wahda konformi anki bejn ix-xhieda li ressaq huwa stess, dik tal-konvenut baqghet wahda dejjem konsistenti u hija korroborata b'xhud terz li wkoll ghandu raba' fl-inhawi. Din il-Qorti wkoll ma tistax teskludi li meta Emanuel Vella ra x-xatba l-ewwel darba (xhud li fuq il-verzjonijiet tieghu hija bbazata l-kawza odjerna) mhux neccessarjament din kienet ghadha kif twahhlet izda semplicement inzerta hu ra dakinhar ghax ma kienx resaq 'il hemm fix-xahar ta' qabel. Xhieda fl-atti sostnew li Emanuel Vella ma jkunx kuljum fejn dan il-passagg (ara xhieda Joe Camiller fol. 258 tal-process). In oltre din il-Qorti stante d-diversi verzjonijiet da parti ta' Emanuel Vella moghtija fl-atti kif ukoll lill-pulizija ma tistax teskludi l-possibilita' li huwa seta' ma rrapurtax mill-ewwel il-fatt li sab ix-xatba. Anzi huwa pjuttost verosmili li meta giet l-okkazzjoni u ibnu ltaqa' ma' Anthony Micallef allura kien f'dak il-mument li huwa qallu biex jghid lis-sid John Pace. Konsegwentement Emanuel Vella nghata struzzjonijiet mis-sid biex imur jaghmel ir-rapport mal-pulizija. Dan huwa verosimili wkoll minhabba l-fatt li r-rapport mal-Pulizija sar sahansitra fid-19 ta' Gunju, 2015 u jmur lura diversi granet ghall-11 ta' Gunju, 2015 liema data lanqas taqbel ma' dak li jsostni s-sid. Dan xejn ma jghin biex il-Qorti tkun konvinta li gie pruvat lilha sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi li l-kawza odjerna saret entro t-terminu ta' xahrejn minn meta sehh l-ispoll u cioe' meta saret ix-xatba mill-konvenut.

"Illi l-kawza odjerna giet intavolata nhar is-17 ta' Lulju, 2015 filwaqt li skont il-verzjoni tal-konvenut ix-xatba in kwistjoni saret fl-ewwel gimgha/jiem ta' Mejju 2015. Anki li kieku din il-Qorti, *dato ma non concesso* kellha tiehu l-ewwel hmistax ta' Mejju, u tghodd ix-xahrejn mill-15 ta' Mejju 'l quddiem xorta wahda jirrizulta li l-perjodu ta' xahrejn kien skada b'jumejn meta giet prezentata l-kawza. Kif gia nghad din il-Qorti xejn ma hi konvinta mill-verzjoni tal-attur li x-xatba saret f'Gunju, 2015. Ghaldaqstant stante li jirrizulta li wiehed mill-elementi

neccessarji ghas-success ta' kawza ta' spoll, cioe' l-*'infra bimestre deduxisse'* ma giex sufficjentement pruvat lilha mill-attur, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet attrici.

"**Decizjoni**

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

"1. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni kontra l-konvenut;

"2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut stante li jirrizulta li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* ma giex sufficjentement pruvat lil din il-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

"Bl-ispejjez kollha ghajr dawk gia hawn fuq decizi kontra l-attur."

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-attur John Pace (30.07.2018):</u>**

3. L-attur John Pace ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u> – l-element tal-*infra bimestre deduxisse*

L-attur appellant jilmenta li ma kinitx ġustifikata l-ewwel qorti ssib li dan l-element tal-*infra bimestre deduxisse* ma ġiex pruvat sal-grad rikjest mil-liġi. Jargumenta li x-xiehda huma kollha konsistenti ma' xulxin li x-xatba kienet saret <u>fil-bidu ta' Ġunju 2015</u>. Isostni li l-konvenut xehed li saret fil-bidu ta' Mejju 2015 għaliex hekk qabillu jgħid (stante li l-kawża saret fis-17 ta' Lulju 2015), u jenfasizza li x-xiehda kollha prodotti

mill-istess konvenut ma kinux f'qagħda li jgħidu meta fil-fatt saret ix-xatba, konsistenti f'żewġ kanen tal-ħadid u *wire* tal-azzar.

(ii) <u>It-tieni aggravju</u> - l-ispejjeż tal-kawża

Fit-tieni lok jargumenta li ladarba huwa ċar li huwa kellu jirbaħ il-kawża u l-konvenuti jitilfuha, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-istess konvenuti ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 12.

<u>**RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti appellati John u Rita konjuġi Attard (27.08.2018):**</u>

4. Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kollha kontra l-attur appellant. Isostnu li l-element tax-xahrejn ma ġiex sufficjentement sodisfatt, u li addirittura jirriżulta li x-xahrejn minn meta sar l-allegat spoll sa meta ġiet intavolata l-kawża kienu diġa` għaddew. Jenfasizzaw li la l-attur u lanqas id-diversi xiehda li pproduċa ma kienu f'pożizzjoni li jindikaw id-data preċiża ta' meta l-allegat spoll seħħ, u li invece kien biss il-konvenut appellat li "*bla tlaqlieq*" qal li għamel il-*wire* fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2015.

**PROVI:**

5. Peress li dan l-appell huwa ippernjat fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti fir-rigward tal-element tal-*infra bimestre deduxisse,* din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi li nġabru f'din il-kawża relatati ma' tali element.

**(i) Verżjoni tal-attur:**

6. L-attur **John Pace**, fl-affidavit tiegħu[7] qal li:

> *"Illi niftakar kif fil-bidu ta' Ġunju 2015, viċin il-festa tas-Sette Giugno kien ċempilli wieħed mill-gabillotti, ossija Andrew Sciberras, u kien avżani li Joseph Attard kien installa xatba fil-passaġġ u għalhekk beda iwaqqaf lilu u gabillotti oħra milli jużawh...*
>
> *….Illi m'huwiex minnu li x-xatba ġiet installata f'Mejju tal-2015. Ix-xatba ġiet installata xi jumejn qabel is-Sette Giugno u dan meta Andrew Sciberra kien ċempilli. Tant hu hekk illi jiena kont ħallejt ġimgħa tgħaddi sakemm sibt l-opportunita` li nitla' Għawdex sabiex inkellmu u meta Attard irrifjuta li jneħħi ix-xatba, jiena kont ħallejt xi ftit jiem oħra jgħaddu sakemm mort għand l-avukat tiegħi biex nagħmlu l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Ġunju 2015[8]. Minn meta saret ix-xatba sal-ittra uffiċjali ċertament ma kinux għaddew aktar minn ġimgħtejn.*
>
> *Irrid illi jingħad ukoll (li) Andrew Sciberras prattikament kuljum ikun fl-għelieqi imqabbla' lilu f' Ta' Bullara, u dan speċjalment għliex huwa jikri mingħandi mas-27 tomna raba. Andrew Sciberras kien aċċertani illi meta huwa ra x-xatba huwa kien ċempilli immedjatament u ma kienx ħalla ħafna żmien jgħaddi."*

7. Fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta'

[7] Affidavit tal-attur John Pace, maħluf 11.11.2015, fol 54 et seq

[8] A fol 5 hemm kopja ta' ittra legali (mhux uffiċjali) datata 17.06.2015 u indirizzata lill-konvenut li pero` mhix iffirmata. (Fl-ittra jingħad li jekk il-konvenut ma jneħħix ix-xatba li biha ġie imblokkat il-passaġġ kienu ser jittieħdu proċeduri ta' spoll kontrih. Ma tissemma' l-ebda data dwar meta sar l-aġir lamentat).

Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 330/2016)[9] fil-proċeduri ta' *ragion fattasi* li ttieħdu kontra l-konvenut fuq kwerela tal-istess attur odjern, xehed hekk:

*<u>"L-ostaklu sar f'Ġunju 2015</u> meta Joseph Attard iddeċieda li jagħmel xatba. <u>Ma niftakarx il-ġurnata eżatt meta saret din ix-xatba għax jiena ma noqgħodx hemm. Andrew Xiberras li jkun hemm kuljum qalli li saret din ix-xatba.</u>*

*Wara li kellimni Andrew Xiberras, jiena tlajt Għawdex u rajt b'għajnejja dak li kien qalli Xiberras. Dan kien għal nofs Ġunju 2015. Jiena rajt li kien hemm xatba. Jiena mort sibt lil Joseph Attard u ma riedx jirraġuna miegħi…..*

*Din ix-xatba kienet iffurmata b' dan il-mod: kien hemm żewġ kanni tal-ħadid fil-konkos waħda f'kull tarf tal-passaġġ u kien hemm katina bejniethom. Nahseb li kienet magħluqa b'katnazz. Il-katina kienet wiesgħa bejn wieħed u ieħor xi għaxar piedi. Il-passaġġ huwa wiesgħa xi tnax-il pied….*

*Nixtieq nippreċiża li l-ewwel darba li mort fuq il-post biex nara din ix-xatba jiena mort ma' Andrew Xiberras u Mikiel Vella. Wara mort inkellem lil Joseph Attard.*

8. Kontro-eżaminat[10] ma ġie mistoqsi xejn dwar meta saret ix-xatba.

9. **Emanuel Vella** (gabillott) fl-affidavit tiegħu[11] qal li huwa jaħdem tlett itmiem raba mill-art Ta' Bullara, Xagħra, Għawdex, proprjeta` tal-attur. Spjega li l-aċċess huma minn passaġġ mill-Wied ta' Marsalforn li jibqa' tiela' lejn ix-Xagħra. Spjega li xi ħdax-il sena qabel kien twessa' biex il-gabillotti jkunu jistgħu jgħaddu bl-inġenji. Kompla jgħid hekk:

[9] Xhieda tal-attur John Pace tal-25.10.2016, fol 228
[10] Kontro-eżami tal-attur tat-22.03.2017, fol 267 et seq
[11] Affidavit ta' Emanuel Vella, maħluf 05.11.2015, fol 56 et seq

*"Iktar 'il fuq f'dan il-passaġġ cirka mitejn pass iktar 'il fuq, Joseph Attard waħħal xatba b'wire u żewġ kanen impoġġija fl-art bil-konkos biex b'hekk aħna ma nkunux nistgħu nitilgħu minn dan il-passaġġ bl-inġenji tagħna. Dan għamlu fil-bidu ta' Ġunju 2015.*

*Jiena mill-ewwel mort l-għassa r-Rabat u għamilt rapport ta' dak li għamel Joseph Attard u qed nannetti kopja tar-rapport li jiena kont għamilt. Mill-ewwel infurmajt lis-sid John Pace b'dan li kellu jieħu l-passi neċessarji."*

10. Fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 330/2016)[12] fil-proċeduri ta' *ragion fattasi* (fuq imsemmija) qal li l-*wire* li jagħlaq il-passaġġ minn fejn kien jgħaddi rah għall-ewwel darba "*madwar sentejn ilu*". Qal li kien mar jagħmel rapport fl-għassa dwar dan il-*wire*, iżda ma ftakarx meta għamel ir-rapport.

11. **Andrew Sciberras** (gabillott) fl-affidavit tiegħu[13] ikkonferma li l-passaġġ in kwistjoni kien miftuħ u liberu għall-gabillotti kollha sal-bidu ta' Ġunju 2015:

**"***Kien xi jumejn qabel is-7 ta' Ġunju 2015 li Joseph Attard għamel ix-xatba in kwistjoni. Niftakar għax kienet qrib il-festa pubblika. Jiena sirt naf dan mingħand Mikiel Vella. Mal-ewwel mort fuq il-post u rajt illi Joseph Attard għamel qisu xatba b'wire u żewġ kanen imdaħħla ġot-trab bil-konkos madwarhom biex aħna ma nkunux nistgħu ngħaddu bl-inġenji u l-karozzi.*

*…Illi b' din ix-xatba u l-egħluq li għamel Joseph Attard mitejn pied 'il fuq mill-bidu tal-mogħdija minn Wied Marsalforn sar fil-bidu ta' Ġunju 2015 u b'hekk ma nistgħux nitilgħu bl-inġenji, la jien, la Leli Vella, la Toni Micallef, la Ġiljan Agius, la Maurizio Sultana, la Mose` Xerri u la Joseph Cutajar.*

*Illi malli sirna nafu b'dan, jiena u Emanuel Vella ċempilna lil John Pace biex jieħu l-azzjoni immedjata kontra Joseph Attard jekk mhux ser*

[12] Xhieda ta' Emanuel Vella tal-25.10.2016, fol 229 (tergo)
[13] Affidavit ta' Andrew Sciberras, maħluf 04.11.2015, fol 58 et seq

*jerġa' jaqla' x-xatba li huwa għamel biex jostakolalna l-passaġġ."*

12. Kontro-eżaminat[14] ikkonferma li kien sar jaf li l-passaġġ ingħalaq bix-xatba għaliex qalulu n-nies.

"*Kien hemm it-tifel ta' Manuel Vella u qalli "Is-sur Attard għamel azzar", qalli "Ma nistgħux nitilgħu" u qalli biex inkellem lis-sur Pace. U għidt lis-sur Pace."*

13. Il-**PS1407 Frank Portelli** fix-xiehda tiegħu[15] qal hekk:

*"Nhar id-19 ta' Ġunju ta' din is-sena kien ġie ċertu Emanuel Vella fejn kien stqarr li nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju elfejn u ħmistax (2015) kien mar biex jidħol fir-raba tiegħu u sab li kien hemm xatba u dan ma setax jidħol…"*

Ir-rapport tal-pulizija relattiv, datat 19 ta' Ġunju 2015, ġie esebit bħala Dok FP1[16], u d-data tal-inċident hija indikata bħala 11 ta' Ġunju 2015, bejn 11:00 u 19:00. Ir-rapport jaqra hekk:

*"Illum għall-ħabta ta' 19:00hrs Vella ġie l-għassa r-Rabat u rraporta illi hu għandu r-raba fl-inħawi Ta' Bullara limiti tax-Xagħra u madwar ġimgħa ilu morna biex naħsdu l-wiċċ u ma stajtx nidħol peress li Attard li għandu r-raba fejn tiegħi għalaq ir-rampa biex ma jidħol ħadd u dan għamlu permezz ta' wire tal-azzar. Vella żied jgħid illi bħalu hemm bdiewa oħra li għandhom l-istess problema u tkellimna ukoll ma' sid ir-raba fejn hu qalilna li hu kuntent li jidħol u jgħaddi minn għandu r-raba hemm ġew.*

*Meta Joseph Attard ġie imsejjaħ biex jiġi l-għassa r-Rabat u meta Attard ġie mogħti d-dritt tal-avukat tiegħu u meta ingħata d-dritt Attard stqarr illi ma hemmx għalfejn li jitkellem mal-avukat. Attard qal illi hu vera għandu r-raba fil-limiti Ta' Bullara x-Xagħra. Madwar għaxar snin ilu Manuel Vella beda jgħaddi għall-għalqa tiegħu minn mogħdija min-naħa t'isfel u l-mogħdija tiegħu hija minn Triq Bullara u jerġa' jitla' minn Triq Bullara. Jiena kont ħallejtu jgħaddi minn fuqi u qatt ma kellimtu. Għall-aħħar ta' April kont insib lil Vella u kont ngħidlu għaddi aħsad u kien imur jaħsad jippakkja u jġorru u ma kienx jgħaddi aktar bl-inġenji.*

[14] Kontro-eżami ta' Andrew Sciberras, 26.01.2018, fol 231 et seq (Vol II)
[15] Xiehda ta' PS1407 Frank Portelli tat-13.11.2015, fol 63 et seq
[16] Dok FP1, fol 64 et seq

*Madwar ħames xhur ilu Vella kien ġie u sabni l-pjazza tax-Xagħra u qalli li jiena kont għamiltu t-tub fil-mogħdija u dan m'għandux dritt li jgħaddi minn hemm. Attard żied jgħid illi t-tub mhux hu għamlu iżda għamlu min kien jidħol jaħrat u anke kien ħarat il-mogħdija tiegħi ukoll. Minnufih meta jiena għidtlu dak id-diskors Vella dar lejja u qalli intik erba' tiri f'ġo rasek imma fuq din jiena kont għamilt rapport u se nidhru l-qorti dan ix-xahar. Attard żied jgħid li Vella l-għada mar fuqu u talbu skuża u qallu lbieraħ żbaljajt u Attard qallu bil-mixi għaddi imma bl-inġenji le. Attard qal illi hu mar u għalaq il-passaġġ biex ħadd ma jitla' bl-inġenji għax il-mogħdija hi tiegħu."*

## (ii) <u>Verżjoni tal-konvenut:</u>

14. Il-konvenut **Joseph Attard**, fix-xiehda tiegħu[17] spjega li kellu kwistjoni mal-gabillott Emanuel Vella:

*"…insomma għidtlu titlax taħsad il-qamħ, silla kellu hu. U l-għada tela'. Insomma ġibtlu l-pulizija u waqqaftu, ma telax. <u>U għall-ewwel ġranet ta' Mejju, ma nafx meta kien, imma għall-ewwel ġranet kien</u>, jien għamilt, għamilt żewġ pilastri bil-kanni u għamilt wire biex ma jitlax, biex min irid jitla' jgħidli u nħallih jitla'. Kulħadd jitla', lil kulħadd inħalli, imma lil Vella ma rridux jitla'. Għax heddidni! Ħa jagħtini erba' tiri ġo rasi u qed jgħaddi u m'għandux dritt jgħaddi! Mhux sew.*

"*…<u>Għamiltha l-ewwel ġranet ta' Mejju….Tas-sena l-oħra, iva tas-sena l-oħra…."</u>*

Fuq ir-ritratt meħud mill-ajru <u>Dok JA1</u>[18] u fuq is-site plan <u>Dok JA2</u>[19] huwa immarka b'cirku il-pożizzjoni fejn huwa għamel il-*wire* u b'salib fejn hemm il-passaġġ.

15. Kontro-eżaminat[20] ippreċiża li x-"xatba" fil-fatt tikkonsisti f'*wire*. Fuq suġġeriment li huwa għamel il-*wire* f'Ġunju tas-sena 2015 huwa

[17] Xiehda tal-konvenut Joseph Attard, tal-10.03.2016, fol 71 et seq
[18] Dok JA1, fol 82
[19] Dok JA2, fol 83
[20] Eżami u kontro-eżami tal-konvenut tat-08.02.2017, fol 195 et seq

wieġeb: *"Jiena għamiltu fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju".* Enfasizza "*Għamiltu l-ewwel ġimgħa ta' Mejju, qed nixhed bil-ġurament. L-ewwel ġimgħa ta' Mejju*." B'riferenza għar-rapport li għamel Emanuel Vella fl-għassa, fejn qal li l-ewwel darba li ma setax jgħaddi mill-passaġġ minħabba x-xatba kien f'Ġunju 2015, ix-xhud sostna li x-xatba għamilha fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2015. Qal li filwaqt li Emanuel Vella ma jmurx dejjem hemmhekk, huwa imur kuljum. Ikkonferma dak li qal fix-xiehda preċedenti tiegħu, u cioe` li x-xatba għamilha minħabba l-kwistjoni li kellu ma' Vella. Qal li l-kwistjoni ma' Vella, meta dan tal-aħħar heddu fil-pjazza tax-Xagħra jidhirlu (għax mhux ċert) li ġrat lejn l-aħħar tas-sena 2014. Spjega li imbagħad kien qal lil Vella biex ma jgħaddix minn fuqu iktar:

> *"….għax imbagħad jien għidtlu: tgħaddix minn fuqi aktar. Qalli: iva. Qalli: bil-mixi ngħaddi? Għidtlu: bil-mixi għaddi. Imbagħad jien mort naħsad għall-aħħar ta' April u l-għada mar jaħsad hu. U jien żammejtu, mort l-għassa, għamiltlu rapport u tat-tractor qabdu l-pulizija biex jinżel. Il-pulizija ċempillu u qallu: inżel. Qallu: tgħaddix minn hemmhekk. Hekk kien ix-xogħol: l-ewwel ġimgħa, jew l-aħħar ta' April jew l-ewwel ġurnata ta' Mejju. Ġurnata ta, m'hemmx dak."*

16. Enfasizza li x-xatba fil-fatt għamilha għal Vella biss minħabba li kien heddu li se jagħtih erba' tiri f'rasu. Qal li l-bdiewa l-oħra jistgħu jgħaddu x'ħin iridu peress li hemm ċavetta ġo post u jafu fejn qegħda. Mistoqsi jekk kienx informa lill-attur (is-sid tar-raba) li kien se jagħmel ix-xatba, wieġeb fin-negattiv. Irraġuna li r-raba qiegħed f'idejh u li lill-attur minn €28 jew €29 fis-sena qed joħodlu €120 fis-sena.

17. Fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Każ Nru 330/2016)[21] fil-proċeduri ta' *ragion fattasi* (fuq imsemmija) qal li l-<u>*wire* għamlu fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2015.</u> Fuq suġġeriment (mill-avukat tal-parte civile) li x-xatba jew *wire* sar minnu f'Ġunju u mhux Mejju 2015, sostna li kien fil-fatt Mejju 2015.

18. **Anthony Micallef** (gabillott) fix-xiehda tiegħu[22] ma qal xejn dwar ix-xatba. Kontro-eżaminat[23] ikkonferma li l-passaġġ ingħalaq b'*wire.* Fuq suġġeriment li l-*wire* sar għall-ħabta ta' Ġunju 2015 qal: "<u>*Naf li sar fis-sajf, imma eżatt eżatt ma nafx meta kien*</u>*.*" Xehed li għalkemm jaf li l-konvenut kien ħeba ċavetta viċin ix-xatba, kull meta jkollu bżonn jgħaddi (madwar erba' darbiet fis-sena) iċempillu il-jum ta' qabel u l-konvenut ikun hemm filgħodu u jiftaħlu. Kontro-eżaminat ulterjorment[24] ma ġie mistoqsi xejn dwar ix-xatba.

19. **Joseph Camilleri** (gabillott) fix-xiehda tiegħu[25] ma ġie mistoqsi xejn dwar ix-xatba. Kontro-eżaminat[26] qal li l-konvenut kien għamel *wire*. Mistoqsi jekk għandux amment meta għamlu wieġeb: "<u>*L-ewwel ġimgħa ta' Mejju? It-tieni ġimgħa l-iktar*</u>!" Fuq suġġeriment li forsi

[21] Xhieda ta' Joseph Attard tal-24.10.2017, fol 254 et seq (Vol II)
[22] Xiehda ta' Anthony Micallef tal-10.03.2016, fol 84 et seq
[23] Kontro-eżami ta' Anthony Micallef tat-08.02.2017, fol 213 et seq
[24] Kontro-eżami ta' Anthony Micallef tal-14.07.2017, fol 291 et seq (Vol II)
[25] Xiehda ta' Joseph Camilleri tal-10.03.2016, fol 94 et seq
[26] Xiehda ta' Joe Camilleri tat-22.03.2017, fol 253 et seq

seta' kien iktar tard minn hekk, insista: "*L-ewwel ġimgħa jew bejn ġimgħa u t-tieni*". Fuq suġġeriment li seta' kien it-tielet ġimgħa ta' Mejju, wieġeb "*Aktar mill-ewwel ġimgħa*." Fuq suġġeriment li kien aktar viċin Ġunju meta sar il-wire, wieġeb "*Le ma naħsibx għax jien dejjem immur hemm*." Spjega li huwa jmur hemm "*darbtejn kuljum xi darba, u darba kuljum dejjem.*" Mistoqsi kif għandu ċ-ċertezza li ma kinitx fit-tielet ġimgħa per eżempju, qal "*Għaliex taraha, bilfors taraha, għax ngħaddi minn hemmhekk eżatt.*" Reġa' qal li x-xatba raha "…*l-ewwel ġimgħa ta' Mejju, it-tieni ġimgħa ta' Mejju, xi ħaġa hekk.*"

20. **Andy Refalo** (li kien imur jgħin il-ħatnu fl-inħawi Ta' Bullara) fix-xiehda tiegħu[27] ma ġie mistoqsi xejn dwar ix-xatba.

21. **Moses Xerri** (gabillott) fix-xiehda tiegħu[28] qal li kien fis-sajf "*li għadda",* cioe` tal-2015, ingħalaq il-passaġġ.

22. **Joseph Cutajar** (gabillott) fix-xiehda tiegħu[29] qal li kienet saret ħadida fil-passaġġ. Mistoqsi meta saret, wieġeb "*ma nafx ngħidlek*". Fuq suġġeriment li din saret f'Ġunju 2015 wieġeb "*Naħseb li kienet qabel"* iżda ma jafx meta. Spjega li huwa jmur darba f'sena, proprju fix-xahar ta' Ġunju u ftakar li fl-2015 raha żgur iżda ma ftakarx jekk f'Ġunju 2014 kinitx hemm.

[27] Xiehda ta' Andy Refalo, tas-06.05.2016, fol 106 et seq
[28] Xiehda ta' Moses Xerri, tas-06.05.2016, fol 129 et seq
[29] Xiehda ta' Joseph Cutajar, tat-13.07.2016, fol 150 et seq

23. **Anthony Bajada** (gabillott) fix-xiehda tiegħu[30] ma ġie mistoqsi xejn dwar ix-xatba.

24. **Maurizio Sultana** (gabillott) fix-xiehda tiegħu[31] ma ġie mistoqsi xejn dwar ix-xatba.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:

25. Dan l-appell huwa ghalhekk interament ibbazat fuq il-kwistjoni dwar jekk *l-Actio Spolii* odjerna saritx *entro termine,* u cioe` fi żmien xahrejn minn meta seħħ l-allegat spoll (kif rikjest mill-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili):

> *"Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', **fi żmien xahrejn mill-ispoll** titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

26. Din l-*Actio Spolii* ġiet intavolata fis-17 ta' Lulju 2015, u għalhekk biex jiġi stabbilit li fil-fatt saret fi żmien xahrejn mill-ispoll lamentat mill-attur, l-istess attur irid jipprova li l-aġir tal-konvenut, ossia it-tqegħid tax-xatba (*wire*) li imblokka l-passaġġ, ma seħħx iktar kmieni minn xahrejn qabel tali data.

27. F'kawża ta' spoll sta għall-attur li jipprova li l-kawża għamilha *entro termine* u mhux għall-konvenut li jipprova li l-kawża saret *fuori*

[30] Xiehda ta' Anthony Bajada, tat-013.07.2016, fol 161 et seq
[31] Xiehda ta' Maurizio Sultana tat-13.07.2016, fol 167 et seq

*termine;* madanakollu l-provi li jressaq il-konvenut huma wkoll ta' rilevanza għall-fini sabiex jiġi stabbilit jekk l-attur fil-fatt għamilx il-kawża fiż-żmien preskritt mil-liġi.

28. Il-verżjoni tal-attur hija li x-xatba saret fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2015, filwaqt li l-verżjoni tal-konvenut hija li saret invece fil-bidu ta' Mejju 2015.

29. Din il-Qorti wara li eżaminat il-provi kollha, xejn ma hi konvinta mill-verżjoni tal-attur li x-xatba saret fil-bidu ta' Ġunju 2015. Il-provi li ressaq l-attur biex jissostanzja t-teżi tiegħu m'huma xejn konklussivi w adirittura huma a volte xi ftit kunfliġġenti; apparti l-fatt li huma kontradetti bil-provi tal-konvenut. Din il-Qorti tagħmel aċċenn partikolari għas-segwenti punti:

- L-attur (li joqgħod Malta) xehed li sar jaf li x-xatba saret fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2015 mingħand Andrew Sciberras. Xehed ukoll li Andrew Sciberras ikun fuq il-post kuljum. Madanakollu Andrew Sciberras xehed li sar jaf bix-xatba għaliex qallu Mikiel Vella (li jidher li jiġi t-tifel ta' Emanuel Vella): kieku verament Andrew Sciberras kien imur fil-post kuljum, kif qal l-attur, kien ikun induna biha hu stess. Ladarba ma jirriżultax pruvat li Andrew Sciberras kien imur fil-post

kuljum, u lanqas ma jirriżulta meta kien hemm l-aħħar, ma jistax jiġi stabbilit li meta Andrew Sciberras informa lill-attur bix-xatba kienet fil-fatt għadha kemm saret.

- Mikiel Vella – li kien dak li informa lil Andrew Sciberras bix-xatba - ma ttellax jixhed.

- Għalkemm Emanuel Vella xehed li x-xatba saret fil-bidu ta' Ġunju 2015, u li kif saret mar mall-ewwel jagħmel rapport l-għassa, ir-rapport sar fid-19 ta' Ġunju 2015 u fl-istqarrija qal li x-xatba saret fil-11 ta' Ġunju 2015. In oltre (bħal fil-każ ta' Andrew Sciberras) ma jirriżultax mill-provi li Emanuel Vella kien imur fil-post kuljum, jew meta kien hemm l-aħħar. Il-konvenut fil-fatt sostna li Emanuel Vella ma jmurx fil-post kuljum bħal ma jagħmel hu.

- Il-konvenut xehed li huwa jmur kuljum fil-post, u li x-xatba għamilha fil-bidu ta' Mejju 2015 għaliex l-għada li huwa kien mar jaħsad fl-aħħar ta' April 2015, kien mar jaħsad Emanuel Vella minkejja li kien qallu li ma ridux jgħaddi minn fuq tiegħu; għalhekk il-konvenut mar jagħmel rapport l-għassa biex iwaqqfu u imbagħad għamel ix-xatba proprju biex iżommu milli jerġa' jgħaddilu.

- Il-verżjoni tal-konvenut, li x-xatba saret fil-bidu ta' Mejju 2015 hija korroborata minn Joseph Camilleri li ukoll sostna li jmur kuljum fil-post, u kultant anke darbtejn kuljum. Xehed li jaf di xjenza proprja li x-xatba saret fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju jew it-tieni ġimgħa, għalkemm qal li aktarx kienet l-ewwel ġimgħa.

30. In vista ta' dan kollu din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-attur ma rnexxilux jissodisfa r-rekwiżit tal-*infra bimestre deduxisse.*

**<u>Decide</u>**

31. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjeż. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr